Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL-EBATAX IL-LAQGĦA URĠENTI TAT-TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 3 ta' Frar 2016

**Ħin:** Mill-6.30pm sas- 7.05pm

**Prezenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat
Is-Sur Joe Galea

## 1. Kuntratt l-ġdid għal ġbir ta' skart riċikklat- Aġġudikazzjoni

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu il-proposti mingħuta minn Green Pak u Green MT għal kuntratt l-ġdid għal ġbir ta' skart riċikklat. Kopja ta' dawn il-proposti ngħatat lill kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Kunsill bi qbil unanimu approva li dan il-kuntratt jingħata lil Green Pak Ltd.

## 2. MEPA's Height Limitation Adjustment Policy for Retirement Homes- Diskussjoni

Is- Sindku, Dr. Spiteri beda biex qal li huwa mhuiex kontra din il-policy imma wieħed irid jara kif dan it-tibdil ser jolqot lir-residenti ta' dawk l-inħawi fejn hemm dawn it-tip ta' djar f'dak li hu l-impatt tat-traffiku u l-ambjent ta' madwaru.

Il-Kunsillier is- Sur Zammit Marmara' qal li huwa jaqbel perfettament mal-policy għaliex ikunu l-anzjani li ser igawdu fl-aħħar mill-aħħar fejn dawn id-djar ikunu jistgħu jagħtu servizz aħjar apparti l-fatt li huwa ta' benefiċċju għall-ħarsien ta' l-ambjent għax ma jkunx hemm bzonn jintuza spazju ġdid għall-izvilupp.

Il-Kunsillier is- Sur Muscat fil-kapacita' ta' perit ukoll jidhirlu li wieħed irid jistenna għal aktar zviluppi f'dan ir-rigward għar-raġuni li għada mhux stabbilita kemm il-sular ser jingħata jekk hux wieħed jew żewg sulari u allura jagħmel differenza fuq l-impatt abjentali ta' madwaru. Għalhekk huwa kien qed jissuġerixxi li l-ewwel naraw x'applikazzjonijiet jigo sottomessi u min hemm bħala Kunsill nagħmlu s-sottomissjonijiet lill-MEPA.

Kien hemm qbil unanimu li filwaqt li l- Kunsill mhuiex kontra din il-policy, huwa ser jevalwa l-applikazzjonijiet li jkun ġew sottomessi u jittratta s-sottomissjonijiet tiegħu skond dik l-applikazzjoni partikolari

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it- Tnejn 22 ta' Frar 2016 fil-5.30pm.

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data